*Ta' kull sena, bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa, nhar Ħadd il-Palm fil-għaxija, isir Programm Kulturali fir-Rotunda. Din is-sena il-programm sar nhar it-28 ta' Marzu u fost oħrajn ħa sehem il-Kor ta' Santa Monica taħt id-direzzjoni ta' Sr. Benjamina Portelli. Dak inhar, fuq stedina ta' l-Arċipriet Dun Joe Carabott, is-Sur Tony Terribile tana tagħrif dwar il-Monument tal-Mosta li kien ġie mbierek nhar Ħadd il-Palm fit-13 t'April 1924 - eżattament 75 sena ilu. Bil-kortesija tas-Sur Terribile qiegħdin nippubblikaw id-diskors li hu nnifsu qara f'dak il-programm.*

# IL-MONUMENT TAL-KNISJA ARĊIPRETALI TAL-MOSTA

*minn Tony TERRIBILE*

Qegħdin niċċelebraw l-aħħar Ġimgħa Mqaddsa tas-seklu għoxrin. Dan is-seklu se jibqa' jiġi mfakkar fl-istorja tal-Knisja għar-riforma kbira li saret fil-Liturġija Mqaddsa. F'din ir-riforma ġew ukoll aġġornati ċ-ċerimonji u t-tifsiriet marbuta magħhom. L-ewwel riforma kienet saret ftit snin qabel il-Konċilju Vatikan II, fi żmien il-Papa Piju XII. Kienet il-bidu ta' bosta riformi akbar li laħqu l-aqwa tagħhom fis-sena 1972 fi żmien il-Papa Pawlu VI. Bħala parti mill-Knisja Universali, il-Knisja fi gżiritna kellha tadatta dawn ir-riformi.

F'dawn ir-riformi, nistgħu ngħidu li intlaqtu wkoll il-purċissjonijiet tradizzjonali li jsiru f'bosta bliet u rħula tagħna. Din ir-riforma nisslet aktar sehem ta' personaġġi, aktar organizzazzjoni u aktar interess f'dawn il-purċissjonijiet. Permezz ta' hekk, dan is-seklu se jibqa' msemmi fl-istorja għad-dehra ġdida li ħadu dawn il-purċissjonijiet, li barra li juru l-interess tal-poplu tagħna fit-tradizzjonijiet ta' l-imgħoddi, saru wkoll attrazzjoni mill-aqwa għall-barranin li jkunu fostna f'dawn il-jiem għeżież.

Il-purċissjoni tal-Mosta ntlaqtet ukoll minn dawn ir-riformi, kemm żdiedu l-personaġġi, kemm tranġa l-armar ta' l-istatwi, kemm żdiedet l-organizzazzjoni, f'kelma waħda, illum il-purċissjoni tal-Mosta saret fost l-aqwa li ssir fil-gżejjer tagħna. F'kull purċissjoni tagħna, l-aqwa u l-isbaħ attrazzjoni huma l-istatwi li jagħtuna dehriet differenti ta' Kristu fil-Passjoni tiegħu.

Hawnhekk ukoll tispikka il-purċissjoni tal-Mosta. L-istatwi sbieħ ta' Darmanin, inisslu fik sens ta' qima u venerazzjoni lejn il-Feddej tagħna. Fl-istess ħin huma opra ta' l-arti magħmula minn Carlo Darmanin, il-prinċep ta' l-istatwarji Maltin.

Fis-seklu għoxrin, dawn l-istatwi ġew ukoll xi drabi restawrati u miżbugħa mill-ġdid. Hekk sar fil-bidu tas-snin ħamsin meta Rafel Bonnici Cali` pittirhom mill-ġdid kif nafuhom illum, wara li neħħa l-induratura tad-deheb li kienet iżżejjen ħwejjiġhom b'disinji differenti.

Meta fil-bidu tas-snin sittin f'bosta parroċċi saru statwi ġodda tal-Passjoni, il-Mostin għamlu statwa tat-Tradiment ta' Ġuda, statwa li rnexxiet ħafna magħmula minn Ġirolmu Dingli, iżda eżattament 75 sena ilu, jiġifieri fl-1924, dehret għall-ewwel darba f'din il-purċissjoni opra kbira u artistika - IL MONUMENT.

Qabel nitkellmu fuq din l-opra kbira nħarsu daqsxejn lejn it-tlieta min-nies li kellhom sehem kbir u importanti f'din il-biċċa xogħol:

a) l-ewwel wieħed kien Karmenu Dimech, benefattur kbir ta' din ir-Rotunda. Bi flusu twettqu bosta opri f'din il-Parroċċa fosthom dan il-Monument ta' Kristu Mejjet.

b) it-tieni wieħed kien l-imgħallem li ddisinja u fassal din l-opra - Antonio Agius, li twieled il-Birgu fl-1888. Ħadem bosta xogħlijiet ta' skultura fi knejjes, djar u tijatri. Il-gwarniċi tal-Via Sagra ta' din il-knisja huma wkoll xogħol tiegħu.

c) it-tielet personaġġ kien Wistin Camilleri, statwarju Għawdxi li ħadem bosta xogħlijiet fil-knejjes tagħna. Kien hu li ħadem it-tmien anġli li jdawru dan il-monument, flimkien mal-korp ta' Kristu mejjet.



*Is-Sur Carmelo Dimech P.E.P. (1883 - 1958), il-benefattur li ħallas l-ispejjeż kollha tal-Monument.*
*(ritratt: Jos. A. Vella F.R.P.S., E. FIAP., E.S. FIAP.)*

Kif għidna, Antonio Agius ħalla bosta xogħlijiet wara mewtu, iżda ma nkunux qed noħorġu barra mill-verita` meta ngħidu li dan il-monument huwa l-kapolavur tiegħu. Fih Antonio wera il-kapaċita` artistika tiegħu, l-ewwelnett fil-kompożizzjoni tad-disinn, u t-tieninett fil-qawwa ta' idejh meta b'kapaċita` kbira skultura l-injam li jifformah.

Bħala artist, Antonio Agius kien ra u apprezza monumenti ta' knejjes oħra, li bosta minnhom kienu saru fis-seklu l-ieħor, iżda meta hu ġie mqabbad biex jiddisinja dan il-monument ried jagħmel xi ħaġa speċjali, ried li dan il-monument ikollu xejra oħra. Fid-disinn ta' dan il-monument iżda hu żamm ukoll ċertu elementi tradizzjonali bħalma huma l-forma ta' l-urna u l-anġli.

L-urna ta' dan il-monument hi wieqfa fuq erba' fergħat kbar, imżejna b'ħafna weraq u fjuri ta' għamliet u disinji differenti. Din il-fergħa titla' minn max-xifer u tinfetaħ hi u togħla 'l fuq fil-ponta l-aktar għolja tagħha. Fix-xifer ta' fuq tagħha, imbagħad id-disinjatur Agius daħħal važun b'girlanda tal-fjuri tal-granutilja. Dawn l-erba' fergħat għaqqadhom imbagħad b'dekorazzjoni ta' l-istess stil Barokk, imżejna b'irjus ta' anġli, weraq, mazzettuni, fjuri, skrataċ u bosta dekorazzjonijiet oħra, li dawn magħquda flimkien, qed jagħtuna biċċa xogħol sabiħa ta' l-arti.

Iċ-ċelu ta' din l-urna l-iskultur għalqu bid-drapp tal-lama stirata, bejn erba' dekorazzjonjiet ta' l-injam imqabbda minn wara l-važuni tal-granutilja. Dawn l-erba' fergħat li jifformaw iċ-ċelu, imbagħad jingħaqdu fin-nofs permezz ta' kuruna rjali skulturata fl-injam miżmuma minn erba' anġli żgħar iżommu f'idejhom lazzijiet u ġmiemen tad-deheb. F'din il-parti imbagħad, id-disinjatur Agius ħoloq girlandi ta' granutilja u xeblikha madwar saqajn dawn l-anġli.

Ħarsa lejn din l-urna u wieħed josserva li hawnhekk Antonio Agius, ma daħħal ebda purtiera, kif għandhom il-biċċa l-kbira tal-monumenti li naraw fil-knejjes tagħna, iżda minflok ħażżeż numru ta' patalotti u żejjinhom bir-rakkmu tas-simboli tal-Passjoni fuqhom u għaqqadhom flimkien permezz ta' numru ta' ġmiemen ta' stil mhux komuni. Jekk din l-urna fiha disinn sabiħ u eleganti ta' stil Barokk, l-istess nistgħu ngħidu għal bażi u l-pedistall tagħha. Bil-modellatura tagħhom, l-iskultur Agius kattar l-importanza ta' l-urna ta' Kristu Mejjet.
Id-dawra t'isfel ta' din il-bażi, l-iskultur ħariġha aktar il-barra u fix-xifer tagħha naqqax disinn ta' werqa bejn żewġ gwarniċi lixxi. Fl-erba'



*Dettall ta' l-iskultura li tifforma l-urna tal-Monument ta' Kristu Mejjet fil-Parroċċa tal-Mosta.*
*(ritratt: Jos. A. Vella F.R.P.S., E.FIAP., E.S. FIAP.)*

kantunieri imbagħad hu poġġa erba' anġli jġorru f'idejhom is-simboli tal-Passjoni. U minn wara dawn l-anġli jitla' l-pedistall tal-urna. Hawnhekk nosservaw li Antonio Agius daħħal tlett disinji.



*Dehra tal-Monument waqt il-Purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira.*

Fil-parti t'isfel għamel disinn magħmul minn bosta weraq, mibruma u mdawra b'gosti differenti u ta' qisien diversi. Fuq din id-dekorazzjoni, daħħal imbagħad disinn ta' ċrieki u f'kull ċirku daħħal fjura. Dan ix-xogħol hu kollu magħmul fi gwarniċa lixxa u fuqha jistrieħu numru ta' girlandi magħmula minn weraq u fjuri. Dawn il-girlandi żgħar huma mniżżla minn bukketti żgħar imqegħda fuq għamla ta' xkaffa li fuqha imbagħad naraw imqiegħed il-mitraħ ta' Kristu Mejjet.

Dawn id-disinji u dettalji maħluqa kollha minn Antonio, ma kienx kapaċi jħożżhom biss bil-lapes iżda kien ukoll kapaċi jonqoxhom fl-injam. Meta wieħed jersaq qrib dan il-monument u jifli bosta partijiet minnu, mill-ewwel jikkonferma dan li qegħdin ngħidu. Biżżejjed wieħed iħares lejn il-parti ċentrali biex jara kif l-iskultur Agius kien kapaċi li injama lixxa, jobromha biex itiha ix-xeħta ta' barma Barokka kif ried hu.

L-istess uċuħ ta' l-anġli, fin-nofs ta' l-urna. Fihom dettalji sbieħ u ċari bħal ma huma għajnejhom, xagħarhom u bosta dettalji oħra. Xi ngħidu imbagħad għal dik l-għamla ta' dekorazzjoni li qergħda taħt dawn l-uċuħ. Id-dettalji huma preċiżi. Din il-majestrija ta' xogħol wieħed jista' wkoll japprezzaha fl-erba' friegħi prinċipali ta' din l-urna. Il-barma tagħhom imżejna b'tant xogħol ta' skultura turi għal darb'oħra il-majestrija ta' l-iskultur Agius.

Ix-xogħol ta' l-induratura mżewwaq bil-matt u bl-ibornir qed ikompli jaqla' l-iskultura ta' din l-opra. Il-bażi u l-pedistall ta' dan il-monument huma mimlija b'xogħol tabilħaqq dettaljat u fin ta' skultura, l-aktar f'dik il-parti li fiha naraw numru ta' girlandi żgħar imqabbda minn bukketti. L-irquqija tal-fjuri u tal-weraq huma l-aqwa xhieda tal-kapaċita` fix-xogħol fin li kien kapaċi jagħmel l-iskultur Antonio Agius.

Fid-daħla semmejna li Wistin Camilleri kellu sehem importanti f'din il-biċċa xogħol għax dan l-istatwarju ħadem it-tmien anġli li jdawru dan il-monument flimkien max-xbieha ta' Kristu Mejjet. Matul il-karriera artistika tiegħu, Wistin Camilleri ħadem bosta anġli kbar u żgħar u f'pożizzjonijiet differenti iżda dawn it-tmien anġli li naraw f'dan il-monument fihom xogħol fin ħafna u dettaljat u għalhekk nistgħu nqisuhom fost l-aħjar xogħlijiet ta' Wistin Camilleri.

L-istess nistgħu ngħidu għal korp. L-anatomija, l-kisra ta' l-għajnejn u bosta dettalji oħra jfissru espressjoni u kapaċita` fl-arti tal-kartapesta ta' dan l-istatwarju. U biex it-tifkira ta' Karmenu Dimech, li ħallas għal din il-biċċa xogħol ma tintesiex, ismu u l-arma tiegħu, flimkien mas-sena 1924 huma mpittra fuq in-naħa ta' wara tal-monument.

Fuq quddiem imbagħad, hemm imnaqqxa par għajnejn li minnhom l-irġiel responsabbli li jmexxu dan il-monument, ikunu jistgħu jmexxu bla xkiel din l-opra hekk sabiħa matul il-purċissjoni. Jekk dan il-monument illejla għandu dehra hekk sabiħa imdawwal u armat f'post ċentrali f'din ir-Rotunda, l-istess dehra sabiħa jkollu nhar il-Ġimgħa l-Kbira fil-għaxija meta joħroġ minn hawn u jdur it-toroq ta' dan ir-raħal akkompanjat minn erba' qassisin.

Din l-opra hekk sabiħa, ilha hawnhekk tlett kwarti ta' seklu, jiġifieri 75 sena. Hija opra mill-isbaħ ta' l-istil Barokk magħmula fis-seklu tagħna, u persważ li bħali, kull darba li tersqu lejh ittennu KEMM HU SABIĦ u tabilħaqq hekk hu, għax dan il-Monument hu - **Monument ta' Fidi, Monument ta' Imħabba, Monument Artistiku** - li qed jagħmel ġieħ lill-Parroċċa tal-Mosta.

*Tas-Sliema, 23 ta' Marzu 1999.*